MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 680/2010

**GO p.l.c. – C 22334**

**vs**

**Maurice Zammit**
**I.D. 265958 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u disgha u disghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€799.29), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici n konnessjoni mas-servizz ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru 40024770 moghti mis-Socjeta’ attrici, skond diversi kontijiet mibghuta lilhu, u skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba markati bhala:

IZY 1 propett ghas-servizz bl-akkont numru 40024770.
IZY 2 ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 40024770.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ta' l-istess socjeta' attrici pprezentata fl-24 ta' Settembru, 2010 li permezz taghha l-ammont mitlub gie ridott ghal sitta u tmenin Ewro u sitta u tmenin Ewro centezmu (€86.86).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma kif ridotta ta' sitta u tmenin Ewro u sitta u tmenin Ewro centezmu (€86.86), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------